KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 26/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 26

*L-Erbgħa 28 ta' Lulju 2021*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju 2021. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-Kunsillier Axisa u l-Kunsillier Bartolo talbu li jkun skużati minħabba xogħol. Il-membri aċċettaw l-apoloġiji bħala ġustifikati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 25 ġew approvati *nem com.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Korrispondenza mingħand Transport Malta dwar it-tibdil tal-parkeġġ fi Triq San Ġorġ fejn talbu lill-Kunsill jikkonferma liem naħa tal-parkeġġ ser titneħħa.

## 4. Stqarrijiet Finanzjarji

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li tkompla l-proċess tal-verifika tal-istqarrijiet finanzjarji fejn l-awdituri ppreżentaw għaxar aġġustamenti fl-stqarrijiet finanzjarji. Huwa kompla li dawn l-aġġustamenti, li ġew issa riflessi fl-istqarrijiet finanzjarji ppreżentati lill-membri, wasslu għal tibdil fis-surplus għas-sena 2020 li issa ammonta għal €96,675. Il-membri iddiskutew dawn l-aġġustamenti u approvaw l-istqarrijiet finanzjarji aġġustati.

## 5. Ġnien il-Mediterran

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi Parks Malta uriet l-interess fil-proġett ta' Ġnien il-Mediterran u fid-dawl li issa dan il-ġnien ser jinkludi fih il-ġnien tal-vittmi tal-Covid-19 talbu sabiex anke jiddiskutu dan il-ġnien mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi li qed taħdem fuq dan il-ġnien. Is-Sindku kompla li sadanittant daħlet ukoll l-applikazzjoni l-Awtorità tal-Ippjanar u żied li kif ikun hemm żvilupp huwa ser jinforma lill-membri tal-Kunsill.

5.2. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet ukoll dwar il-post fejn ser isir id-Dog Park u għaldaqstant is-Sindku iddiskuta mal-membri il-pjanti aġġustati li jinkludu issa d-Dog Park u l-ġnien tal-vittmi tal-Covid-19.

## 6. Ġnien Telgħat Raħal Ġdid

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi wasal fl-aħħar ix-xogħol fuq is-sejħa għall-offerti tal-proġett tal-Ġnien f'telgħat Raħal Ġdid però żied li wara ġew aġġustati l-istimi finali mill-Perit tal-Kunsill, hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-ammont tiġa approvat mil-Kunsill ikun modifikat u jitla għal-€765,000.

6.2. Is-Sindku qal li dan it-tibdil qed ikun issuġġeriet mill-Perit tal-Kunsill sabiex issa l-proġett ikun iktar ħolistiku u li jinkludi fih wkoll il-ħajt ta' taħt il-ġnien kif ukoll dawl li jaħdem b'enerġija aktar nadifa. Is-Sindku żied li b'dan it-tibdil il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar sabiex jakkwista fondi mid-Development Planning Fund tal-Awtorità tal-Ippjanar. Wara li iddiskutew dan f'aktar dettall il-membri qablu li japprovaw it-tibdil fil-baġit approvat u li dan jitla għal €765,000 (bla vat).

## 7. Offerti

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi ġie fi tmiemu il-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerti tal-ġbir ta' skart goff u tal-*ironmongery* supplies. Il-membri iddiskutew u approvaw ir-rapporti ta' evalwazzjoni kif ppreżentati.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku qal li fid-dawl tal-problemi marbuta mal-abbużi ambjentali li qed isiru fil-lokalita, huwa kellu laqgħa mal-Aġenzija LESA li offrew li jibagħu uffiċjali pajżana li iduru mal-lokalità u jħarrku l-persuni li jinqabdu jabbużaw u jarmu l-iskart bl-addoċċ. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid iħallas għal dan is-servizz u jekk il-Kunsill jaqbel tinħadem stima għall-ammont ta' siegħat li jkun qed jitlob il-Kunsill. Il-membri qablu.

8.2. Is-Sindku staqsa jekk il-passaġġ li hemm fil-bitħa fi Triq San Alwiġi ma Triq Nazzarenu hux privat fid-dawl li dan qed tintuża bħala *drive-in*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi dak l-ispazju mhux privat u għaldaqstant is-Sindku talab li tittieħed azzjoni.

## 9. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.1. Il-Viċi Sindku staqsa jistax isir xogħol ta' maintenance fl-akwata tan-Nursery tal-Hibernians. Il-membri qablu li isir ix-xogħol ta' refreshing taż-żebgħa tal-akwata fil-ġimgħat li ġejjin.

9.2. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar l-arblu li hemm bżonn isir xogħol fuqu fil-pjazza. Is-Sindku kkonferma li l-kuntrattur wiegħdu li ser jagħmel ix-xogħol fil-ġranet li ġejjin.

9.3. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar il-problema li hemm fi Triq Sammat fejn it-trakk tal-ġbir tal-iskart mhux ikun jista' idur. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jara li l-kuntrattur juża l-vettura iż-żgħira għal din il-parti.

9.4. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar il-possibilità li ssir by-law li tillimita li wieħed joqgħod bilqiegħda mal-art jew fuq turġien fil-pjazza dan fid-dawl tal-iskart u l-abbuż li jkun qed isir minn uħud li jkunu fil-pjazza jew fuq iz-zuntier tal-knisja. Il-membri iddiskutew dan fid-dettall u ilkoll qablu li dan is-suġġett irid ikun diskuss f'aktar dettall fid-dawl li n-nuqqasijiet imsemmija iridu jkunu indirizzati b'infurzar adattat.

9.5. Il-Kunsillier Camilleri xtaq jirrimarka dwar in-nuqqasijiet li kienu qed jiġu esperjenzati fil-ġbir tal-iskart riċiklabbli fejn gzuz ta' boroż ħodor tħallew ġurnata sħiħa quddiem bibien tan-nies fejn sostna li dan l-aġir mhux aċċettabbli aktar. Il-Kunsillier Camilleri flimkien mas-Sindku żiedu illi għanda issir laqgħa mal-skema GreenPak sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati u tassigura li s-servizz ikun wieħed xieraq. Il-Kunsillier Camilleri, staqsa wkoll sabiex issir laqgħa mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart dwar l-andament tal-kuntratt tiegħu wkoll.

## 10. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 26 għas-somma ta' €21,451.58.

## 11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:20pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 25 ta' Awwissu 2021.

11.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 25 ta' Awwissu 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |